MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. DEMICOLI AUDREY

Seduta ta' 18 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 1974/2002

**Avviz Numru 1974/02 AJD**
**Malta External Trade Corporation**

**vs**

**Redeemer Furniture Company Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta’ Awissu, 2002, fejn gie mitlub li s-socjeta’ konvenuta tigi kkundannata thallas lill-korporazzjoni attrici is-somma ta’ elf, mija u hames liri Maltin (Lm1,105.00) rappresentanti bilanc dovut ghall-kiri ta’ ‘stand’ f’The Birmingham Furnniture Show 2001 u dan skond l-applikazzjoni maghmula mill-istess socjeta’ konvenuta u datata 10 ta’ Awissu 2000, mas-socjeta’ attrici.

Bl-ispejjes u bl-imghax legali kontra s-socjeta’ konvenuta.

Ra li s-socjeta' konvenuta debitament notifikata, baqghet ma dehritx u lanqas ma prezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Dennis Vella, in rappresentanza tal-korporazzjoni attrici, li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-korporazzjoni attrici is-somma ta' elf, mija u hames liri Maltin (Lm1,105.00), bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta' konvenuta skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**